**167. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Onor. Francis Zammit Dimech ppropona:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti b'ċens lill-Fondazzjoni għar-Riabilitazzjoni tad-Drogati, biċċa art u bini f'San Blas limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta deskritta aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal- artikolu 3 ta' l-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li art u bini f'San Blas limitat ta' Ħaż-Zebbuġ, Malta jistgħu jiġi mogħtija lill-imsemmija Fondazzjoni għar-Riabilitazzjoni tad-Drogati għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal- Kamra.

05.09.1994